**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 8 ta' Gunju 2001**

**Numru** **11**
**Citaz. Nru.** **3450/96 FDP**

**Falcon Tours Limited**

**Vs**

**Marvin Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li giet ipprezentata fid-9 ta' Dicembru 1996 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut kien impjegat tas-socjeta` attrici fuq kuntratt ta' impieg ghal zmien definit, liema kuntratt gie iffirmat miz-zewg partijiet fil-21 ta' Frar 1996;

Illi l-konvenut ittermina unilateralment bi ksur ta' l-istess kuntratt l-impieg tieghu b'effett mill-1 ta' Settembru 1996 minflok id-data miftiehma fil-31 ta' Jannar 1998;

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici l-ekwivalenti tal-hamsin fil-mija ta' dak li kien se jaqla' ghar-rimanenti zmien tal-kuntratt fuq imsemmi, ammontanti ghal elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm2225), jew somma ohra li tista' tigi stabbilita' mill-Qorti;

Illi l-konvenut ghalkemm gie mitlub biex ihallas dan l-ammont baqa' inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut kiser il-kuntratt ta' l-impieg ghal zmien definit meta huwa telaq mill-istess impieg tieghu mas-socjeta` attrici b'effett mill-1 ta' Settembru 1996;

2. Konsegwentement tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici l-ekwivalenti tal-hamsin fil-mija ta' dak li kien se jaqla' l-istess konvenut ghall-perjodu rimanenti ta' l-imsemmi kuntratt ammontanti ghas-somma ta' elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm2225) jew somma ohra li tista' tigi stabbilita mill-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Settembru 1996 u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Francis Stivala ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li giet ipprezentata fl-1 ta' Awissu 1997 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li kienet is-socjeta` attrici li kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' l-impieg bejnha u l-konvenut – liema ksur ta' kundizzjonijiet wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tal-konvenut minn mas-socjeta` attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenut fejn gie premess:-

Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici b'kuntratt ta' impjieg liema kuntratt gie iffirmat miz-zewg partijiet fil-21 ta' Frar 1996;

Illi s-socjeta` attrici kisret il-klawsoli ta' dan il-kuntratt liema ksur wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-konvenut minn mas-socjeta` attrici;

Illi allura s-socjeta` attrici ghandha thallas lill-konvenut l-ekwivalenti ta' 50% ta' dak li kien ser jaqla' ghar-rimanenti zmien tal-kuntratt fuq imsemmi ammontanti ghal Lm2225 jew somma ohra li tista' tigi stabbilita mill-Qorti;

Illi s-socjeta` attrici giet mitluba biex thallas dan l-ammont hija baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk il-konvenut rikonvenzjonat lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` attrici kissret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' l-impieg iffirmat bejn il-partijiet fil-21 ta' Frar 1996 liema ksur wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tal-konvenut minn mas-socjeta` attrici;

2. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut l-ekwivalenti ta' 50% ta' dak li kien ser jaqla' ghall-perjodu rimanenti ta' l-imsemmi kuntratt ammontanti ghas-somma ta' Lm2250 jew somma ohra li tigi stabbilita mill-Qorti;

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi sad-data ta' l-eventwali pagament kontra s-socjeta` attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut rikonvenzjonat u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, fejn gie eccepit:-

Illi l-kontro-talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-istess konvenut li kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impieg u ghalhekk mhu dovut l-ebda ammont lill-konvenut;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Francis Stivala ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Ikkonsidrat:-

Provi:

Illi fil-21 ta' Frar 1996 gie ffirmat kuntratt ta' impieg li permezz tieghu il-konvenut Marvin Mizzi gie impjegat mas-socjeta` attrici Falcon Tours Limited ghal perjodu ta' sentejn b'effett mill-1 ta' Frar 1996 (fol 5-7). Il-kuntratt jistipula perjodu ta' erba' xhur *probation* sal-31 ta' Mejju 1996 u jistipula wkoll illi *"The employee shall receive an increment of ONE HUNDRED AND TWENTY MALTA LIRI (Lm120) to the basic salary spread over one year with effect from 01 JUNE 1996."*

Illi jirrizulta li l-perjodu ta' *probation* tal-konvenut gie estiz b'xahar, u cioe` sat-30 ta' Gunju 1996 (ara Dok FS1, fol 52). Francis Stivala, il-*Managing Director* tas-socjeta` attrici spjega illi ghalkemm il-*probationary period* gie estiz b'xahar, *"Din l-emenda ma kienet taffettwa bl-ebda mod il-klawsoli l-ohra tal-kuntratt"*. Charles Micallef, li huwa l-*manager* fl-*outbound division* ukoll jikkonferma illi l-estenzjoni tal-perjodu tal-*probation* ma kellhiex taffettwa l-klawsola dwar iz-zieda ta' l-Lm10 fix-xahar. Ghalhekk iz-zieda fil-paga kellha tibda' tinghata mill-1 ta' Gunju 1996 nonostante l-fatt li sa l-ahhar ta' Gunju 1996 baqa' ghaddej il-perjodu tal-*probation*;

Illi l-attur Marvin Mizzi fl-affidavit tieghu xehed illi fl-ahhar tax-xahar ta' Gunju 1996, il-paga li huwa rcieva baqghet l-istess kif kienet qabel u ma nghatax l-Lm10 zieda dovuti. L-istess gara fil-paga ta' Lulju u Awissu 1996. Ghalhekk il-konvenut dehrlu li s-socjeta` attrici kisret il-kuntratt ta' l-impieg u fid-9 ta' Settembru 1996 huwa kiteb lil Charles Micallef (fol 35) biex jinfurmah li *"as from the 1st of September 1996, I*

*Marvin Mizzi, am no more employed with your company. The reason is that as from the 1st of July 1996 the company failed to honour par. 2 (wage increment) of the contract. This resulting in a breach of contract because one party i.e. the employer Falcon Tours failed to honour it."* Is-socjeta` Falcon Tours irrispondiet lill-konvenut b'ittra datata 12 ta' Settembru 1996 (fol 36) fejn qaltlu: "*You are requested to pay to this Company by no later than 18th September 1996 the penalties due by law for early determination of your said Definite Contract of Service, which penalties are calculated to amount to Lm2225 (two thousand two hundred and twenty five Malta liri). Without prejudice we forward you herewith cheque number 5046 drawn on Mid-Med Bank Ltd to the sum of Lm30 in respect of arrears of salary for the period 01 June to 31 August 1996.*";

Illi Francis Stivala jinsisti li l-konvenut ma thallasx l-Lm10 zieda fix-xahar pagabbli mill-1 ta' Gunju 1996 minhabba semplici zball amministrattiv. "*Irrid nghid pero` li l-konvenut qatt ma gibed l-attenzjoni tal-management dwar dan il-fatt. Huwa ghamel dan biss fl-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu datata 9 ta' Settembru 1996 ... Malli ahna ndunajna b'dan l-izball ahna immedjatament bghatna cheque ta' Lm30 lill-konvenut liema Lm30 kienu jkopru z-zieda ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awissu u dan sabiex nirregolarizzaw il-posizzjoni.*";

Illi dan huwa kkonfermat mill-konvenut stess fil-kontro-ezami tieghu. "*Jiena qabel ma hallejt l-impieg tieghi, qatt ma affrontajt lis-superjuri tieghi dwar il-flus li allegatament kelli niehu u*

*ma tawnix. Kont kellimthom fuq il-posizzjoni generali tieghi tax-xoghol u mhux fuq il-paga. Jiena ghandi nghid li minn Gunju sa Settembru ghalkemm hadt tlett darbiet paga bin-nieqes qatt ma rrilevajt dan il-punt lil hadd."* Huwa zied jghid li kienet fl-ittra li kitbilhom biex jgharrafhom li qed jittermina l-impieg, li semma ghall-ewwel darba il-punt dwar il-paga;

Konsiderazzjonijet:-

Illi s-socjeta` attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-artikolu 34(12) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li impjegat li jitlaq mix-xoghol qabel iz-zmien jehel penali ekwivalenti ghal nofs il-paga li kien jaqla' kieku baqa' fl-impieg tieghu. Il-konvenut, da parti tieghu, biex jirribatti t-talbiet attrici jinvoka artikolu 34(14) ta' l-istess Kap 135 li jistipula li kemm il-principal kif ukoll l-impjegat jistghu jitterminaw il-kuntratt minghajr ma jaghtu avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel il-hlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq mis-servizz. Huwa ukoll qed jaghmel talba rikonvenzjonali a bazi tas-sub inciz (11) ta' artikolu 34 li jipprovdi li principal li jibghat impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss l-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem;

Illi l-konvenut ittermina l-impieg tieghu minhabba li s-socjeta` konvenuta naqset li thallsu z-zieda

ta' Lm10 fix-xahar ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awissu. Dan in-nuqqas interpretah bhala ksur tal-kuntratt da parti ta' l-istess socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici da parti taghha, fil-waqt li tammetti li hija naqset li thallas lill-konvenut l-Lm10 zieda fix-xahar, tinsisti li dan kien sempliciment zball amministrattiv. Francis Stivala spjega li "*Dana ghaliex il-kuntratt tax-xoghol ma wasalx ghand il-manager tal-finance li huwa responsabbli li johrog il-pagi.*";

Illi l-konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu jargumenta illi l-klawsola taz-zieda ta' Lm10 fix-xahar hija klawsola ta' sinifikat kbir ghalih meta wiehed iqis li tali zieda kienet ta' ftit anqas minn 5% fuq il-paga li kellu u allura fi kliem Lord Denning fi "Western Excavating (ECC) Ltd vs Sharp" (1978 – ICR 221) hawn si tratta ta' "*significant breach going to the root of the contract of employment.*" Huwa wkoll ihoss li l-agir tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala "*constructive dismissal*" li wassal lill-konvenut li jittermina l-impieg tieghu stess, u ghalhekk a tenur ta' artikolu 34(14) it-talba ghall-hlas li qed issir minnu fil-kontro-talba hija gustifikata;

Illi l-Qorti pero` ma thossx li l-fatt li s-socjeta` attrici tat lill-konvenut tlett xhur paga bin-nieqes jammonta ghal raguni bizzejjed biex huwa jikkunsidrah bhala "*constructive dismissal*";

Illi s-socjeta` attrici ghamlet riferenza ghas-sentenza "Val Marco Valente vs Alfred Pisani et noe" (Cit. Nru. 1615/93NA, deciza 26/03/99). F'dan il-kaz, l-attur li kien jahdem bhala Senior Chef Manager mas-socjeta` konvenuta Corinthia

Palace Co Ltd fil-Libja, darba minnhom naqas li jirritorna lura ghax-xoghol il-Libja fid-data mifthiema wara li kien *on leave* f'Malta, u konsegwentement l-impieg tieghu gie tterminat. Il-Qorti kien dehrilha li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet mizura harxa wisq fic-cirkostanzi; l-attur seta' inghata *warning* u jkun penalizzat;

Illi din il-Qorti fil-kaz odjern thoss li t-terminazzjoni ta' l-impieg da parti tal-konvenut kien rimedju drammatiku wisq ghac-cirkostanzi. Mhix xi haga ta' barra minn hawn li impjegat jiehu paga bin-nieqes minhabba xi zball da parti tas-sezzjoni ta' l-*accounts* relattiva. Il-konvenut lanqas biss avvicina lill-manager tal-finanzi tieghu biex igib dan in-nuqqas ghall-attenzjoni tieghu;

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal sentenza ricenti dwar terminazzjoni ta' impieg, fejn fost affarijiet ohra il-konvenut in kwistjoni kien allega li huwa ma kienx qed jithallas kemm suppost ghas-sahra li kien qed jaghmel. Il-Qorti fis-sentenza <u>Agostino Azzopardi & Sons Ltd vs Randolph Schembri</u> (Cit. Nru 1550/96GV, deciza 15/01/01) kienet qalet hekk: "*L-allegazzjoni vaga li hu ma kienx qed jithallas kemm suppost ghas-sahra li kien qed jaghmel ma tirrizulta bl-ebda mod sostnuta mill-provi. Dan apparti l-fatt illi hu car illi legalment, anke kieku jigi ammess ghall-grazzja ta' l-argument li din ic-cirkostanza kienet vera, xorta ma kinitx tintitola lill-impjegat illi jabbroga l-kuntratt ta' impieg unilateralment. Ir-rimedju legali f'din ic-cirkostanza, li kieku verament avverat ruhha kien*

*zgur ikun dik illi l-impjegat jivvendika d-drittijiet tieghu ghall-hlas ta' dak li kien lilu dovut b'azzjoni gudizzjarja appozita."*;

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-azzjoni li ha l-konvenut kienet wahda esagerata u inopportuna. It-terminazzjoni unilaterali ta' l-impieg da parti tal-konvenut ma kinitx gustifikata u ghalhekk hija taqbel li huwa ghandu jhallas il-penali skond il-ligi;

Illi l-ammont ta' flus li l-konvenut kien se jaqla li kieku huwa baqa' impjegat mas-socjeta` attrici ghar-rimanenti zmien tal-kuntratt u cioe` mill-1 ta' Settembru 1996 sal-31 ta' Jannar 1998 (17-il xahar) kien ikun ta' Lm4165 u ghalhekk huwa ghandu jhallas lis-socjeta` konvenuta nofs dan l-ammont;

Illi dwar it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu, il-Qorti ma jidhrilhiex li dawn ghandhom jintlaqghu. Hija ma thossx li l-fatt li s-socjeta` attrici bi zvista naqset thallas l-Lm10 zieda fix-xahar jammonta ghal ksur tal-kuntratt ta' l-impieg relattiv u kontrarjament ghal dak li jallega l-konvenut ma tarax li dan in-nuqqas jammonta ghal "*constructive dismissal*". Di piu` il-Qorti ssibha difficli biex tifhem kif wiehed jista' jikkunsidra lilu nnifsu "*constructively dismissed*" mill-Hadd, l-1 ta' Settembru 1996, meta (kif jirrizulta mix-xhieda ta' Francis Stivala) proprju l-jum ta' qabel, u cioe` is-Sibt, 31 ta' Awissu 1996 dan hareg bil-*vacation leave* ghal gimgha, u cioe` sas-Sibt, 7 ta' Settembru 1996, ghal liema *leave* applika hu stess!

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba tac-citazzjoni u tiddikjara li l-konvenut kiser il-kuntratt ta' l-impieg ghal zmien definit meta huwa telaq mill-istess impieg tieghu minn mas-socjeta` attrici b'effett mill-1 ta' Settembru 1996;

Tilqa' t-Tieni Talba tac-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 2082.50);

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni kontra l-konvenut;

u,

Tichad it-talbiet rikonvenzjonali bl-ispejjez u interessi kontra l-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur